MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 151/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta' April, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet umilment u bil-ġurament tagħha kkonfermat:

1. Illi r-rikorrent A u l-intimat B iżżewġu fl-4 ta' Mejju tas-sena 1998 skond ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala Dok. LM1;

2. Illi miż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti ma twildux tfal;

3. Illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser minħabba abbandun, adulterju, swat, sevizzi, minaċċi, theddid u nġurji gravi kommessi mill-intimat fil-konfront ta' martu, u ħtija ta' dan iż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment;

4. Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati mis-sena 2000;

5. Illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti ġie ddikjarat null u bla effett fil-liġi;

6. Illi l-partijiet ġew awtorizzati jipproċedu għas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Dok. LM2;

Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex għar-raġunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti minħabba abbandun, adulterju, swat, sevizzi, minaċċi, theddid u nġurji gravi kommessi mill-intimat fil-konfront ta' martu;

2. Tiffissa manteniment għar-rikorrenti personalment skond il-mezzi ta' l-intimat u l-bżonnijiet tar-rikorrenti u tordna lill-intimat iħallas dan il-manteniment hekk likwidat;

3. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lir-rikorrenti u l-oħra lill-intimat f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali billi tikkunsidra t-tortijiet kommessi mill-intimat b'konsegwenza ta' liema ż-żwieġ tkisser okkorrendo billi jiġi nominat perit u nutar biex jirċievi l-att opportun u kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi fuq l-istess att;

4. Tikkundanna lill-intimat jirritorna lir-rikorrenti l-assi parafernali kollha tagħha;

5. Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li hu minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jippreżenta risposta ġuramentata, u allura huwa kontumaċi skond il-liġi.

Rat l-atti proċesswali.

Rat id-dokumenti esebiti mill-attriċi, kompriż il-proċess tal-kawża ta' l-annullament bejn il-partijiet li ġiet deċiża favorevolment għall-attriċi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Illi l-attriċi qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba r-raġunijiet indikati fir-rikors.

Mill-provi li tressqu fil-kawża ta' l-annullament jirriżulta li dan kien żwieġ li qatt ma kien u allura ma hemm xejn x'wieħed iżid mas-sentenza pronunzjata f'dik l-okkażjoni. Il-komunjoni ta' l-akkwisti hija tista' tgħid ineżistenti u kull ma jrid isir huwa li jiġi ddikjarat li d-dejn indikat mill-attriċi, u *cioe'* s-sentenza ottenuta fil-konfront tal-konvenut ta' l-14 ta' April, 2008 tiġi dikjarata bħala dejn tal-konvenut waħdu, kif *del resto* tindika s-sentenza.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għalhekk:**

**1. *Stante* l-annullament taż-żwieġ tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba u t-tieni talba *stante* nuqqas ta' provi fir-rigward;**

**2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti iżda tiddikjara li d-djun tal-partijiet rispettivi f’isimhom għandu jkun dovut mill-istess parti li tkun għamlitu;**

**3. Tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tar-raba’ u l-ħames talba.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------